MALTA

# QORTI KRIMINALI

## ONOR. IMHALLEF
## MICHAEL MALLIA

Seduta ta' l-24 ta' Gunju, 2010

Numru 18/2009

**Ir-Repubblika ta' Malta**
**Vs**
**Ismail Tirso**

Il-Qorti,

Rat l-Att tal-Akkuza numru 18 tas-sena 2009 kontra l-akkuzat Ismail Tirso, li bih huwa gie akkuzat talli:

1. Wara li l-Avukat Generali ppremetta fl-Ewwel Kap illi fit-8 ta' Ottubru elfejn u sebgha (2007) u fiz-zmien ta' qabel din id-data f'Malta w barra minn Malta, l-akkuzat Ismail Tirso ddecida illi jibda imexxi w jittraffika illegalment fid-droga (herojina) f'Malta. Illi ghal dan il-ghan huwa ftehim ma persuni sabiex iggib id-droga (herojina) illegalment gewwa Malta, ftehimu fuq id-data, r-rotta ta' l-ajru w il-mezz kif kien sa jimportaw id-droga (herojina) mohbija f'qiegh falz ta' bagalja. Illi fit-8 ta' Ottubru 2007 giet importata f'Malta illegalment kwantita` kbira ta' droga (herojina) ta' kwazi hdax (11) il-kilogramma w nofs mill-akkuzat Ismail

Tirso. Din id-droga kienet intiza sabiex tigi kkonsenjata mill- akkuzat ghand persuni ohra gewwa Malta biex tigi ttrafikata f'Malta bi profit kbir.

Fortunatament din il-kunsinna kbira ta' droga (herojina) giet maqbuda minn membri tal-Korp tal-Pulizija mal-wasla taghha f'Malta gewwa l-ajruport ta' Malta. Illi din id-droga (herojina) ghandha valur ta 'l fuq minn hames mija, erbgha w ghoxrin elf u erbgha mitt ewro (€ 524,400) ekwivalenti ghall mitejn, hamsa w ghoxrin elf, erbgha w sittin lira Maltin (Lm 225,064).

Illi biex isehh dan il-pjan mahsub minn qabel li din id-droga (herojina) importata illegalment minn Ismail Tirso tigi kkunsinnata gewwa Malta bi skop li jitraffika, fil-gimghat u z-zmien ta' qabel din id-data, Ismail Tirso xjentement assocja ruhu ma persuni ohra barra minn Malta w gewwa Malta w wara li assocja ruhu ftehem u ikkumbina l-mezzi li bihom kellu jimxi fl-esekuzzjoni ta' dan il-pjan miftiehem bis-skop li l- istess droga tigi mibjugha fis-suq lokali.

Fortunatament minhabba intercezzjonijiet minn membri tal-Korp tal- Pulizija, Ismail Tirso gie mikxuf nhar it-8 ta' Ottubru elfejn u sebgha (2007).

Id-droga herojina hija msemmija fit-Taqsima I ta' l-Ewwel Skeda li tinsab ma' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kapitolu 101 tal- Ligijiet ta' Malta.

Illi b'ghemilu, l-imsemmi Ismail Tirso sar hati talli assocja ruhu ma' xi persuna jew persuni ohra f'Malta jew barra minn Malta sabiex ibiegh jew jittraffika medicina (herojina) f'dawn il-Gzejjer kontra d-dispozizzjonijiet ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta) jew ippromowovaw, ikkostitwixxew, organizzaw jew iffinanzjaw din l-assocjazzjoni.

Ghaldaqstant l-Avukat Generali f'isem ir-Repubblika ta' Malta akkuza lill-imsemmi Ismail Tirso hati talli assocja ruhu ma' xi persuna jew persuni ohra barra minn dawn il-Gzejjer jew f'dawn il-Gzejjer sabiex

ibiegh jew jittraffika medicina f'dawn il-Gzejjer (herojina) kontra d- dispozizzjonijiet ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta) jew ippromova, ikkostitwixxa organizza jew iffinanzja l-assocjazzjoni;

Talab illi jinghamel skond il-ligi kontra l-imsemmija akkuzat u illi huwa jigi kkundannat ghall-piena ta' prigunerija ghal ghomru w multa ta' mhux inqas minn inqas minn elfejn u tliet mija w disgha w ghoxrin Euro w sebgha w tletin centezmu (€2,329.37) izda mhux izjed minn mija w sittax-il elf, erba' mija w tmienja w sittin Euro w sebgha w sittin centezmu (€116,468.67) u l-konfiska favur il-Gvern tal-oggetti kollha li dwarhom sar ir-reat u l-konfiska favur il-Gvern ta' kull flejjes jew propjeta' mobbli ohra tal-persuna hekk misjub hati skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 9, 10(1), 12, 22(1)(a)(d)(f) (1A) (1B) (2)(a)(i) (3A)(a)(b)(c)(d), 26, 30 u 30A ta' l- Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta) w l-artikoli 23, 23A, 23B, 23C u 533 tal-Kodici Kriminali (Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta) jew ghal kull piena ohra li tista' skond il-ligi tinghata ghall-htija tal- imsemmi akkuzat.

2. Wara li l-Avukat Generali ppremetta fit-Tieni Kap illi f'xi zmien qabel u dak in-nhar tat-8 ta' Ottubru elfejn u sebgha (2007) l-akkuzat Ismail Tirso ltaqa ma' persuni ohra w sar ftehim sabiex l-akkuzat jimporta klandestinament f'Malta kwantita' kbira tad-droga (herojina) sabiex ibiegha w tigi ttrafikata f'Malta. Di fatti huwa ftehem li jigi lejn Malta mit-Turkija b'bagalja bid-droga (herojina) mohbija f'qiegh falz.

In esekuzzjoni ta' dan il-pjan mahsub minn qabel, fit-8 ta' Ottubru ta' dik is-sena (2007), Ismail Tirso kellu biljett ta' l-ajru lejn Malta w telaq mill-Istanbul fit-Turkija w wasal Malta fuq titjira KM 785 bid-droga (herojina) xjentement mohbija fil-qiegh falz ta' bagalja. Kif dan l-ajruplan wasal Malta, w l-akkuzat nizel l-art, huwa w ghaddej mill- Ajruport Internazzjonali ta' Malta, Ufficjali tad-Dwana stazzjonati hemmhekk waqqfu lil Ismail Tirso

w, waqt *search* kondott fuq hwejjgu, nstabu fl-imsemmija bagalja kwazi hdax (11) il-kilogramma w nofs tad- droga (herojina), liema droga ghandha valur ta 'l fuq minn hames mija, erbgha w ghoxrin elf u erbgha mitt ewro (€ 524,400) ekwivalenti ghall mitejn, hamsa w ghoxrin elf, erbgha w sittin lira Maltin (Lm 225,064).

Illi ma kien hemm ebda licenzja jew awtorizzazzjoni mahruga taht l- Ordinanza dwar Medicni Perikoluzi li tawtorizza l-importazzjoni tad- droga perikoluza msemmija.

Id-droga herojina hija msemmija fit-Taqsima I ta' l-Ewwel Skeda li tinsab ma' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kapitolu 101 tal- Ligijiet ta' Malta.

Illi b'ghemilu l-imsemmi Ismail Tirso sar hati talli importa, gieghel li tigi importata jew ghamel xi haga biex tkun tista' tigi importata medicina perikoluza (herojina) f'Malta bi ksur tad-disposizzjonijiet ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta), w cioe' meta ma kellux awtorizzazzjoni ta' importazzjoni valida.

Ghaldaqstant l-Avukat Generali f'isem ir-Repubblika ta' Malta akkuza lill-imsemmi Ismail Tirso talli importa, gieghel li tigi importata jew ghamel xi haga biex tkun tista' tigi importata medicina perikoluza (herojina) f'Malta bi ksur tad-disposizzjonijiet ta' l-Ordinanza dwar il- Medicini Perikoluzi (Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta), w cioe' meta ma kellux awtorizzazzjoni ta' importazzjoni valida;

Talab illi jinghamel skond il-ligi kontra l-imsemmija akkuzat illi jigi kkundanat ghall-piena ta' prigunerija ghal ghomru w multa ta' mhux inqas minn inqas minn elfejn u tliet mija w disgha w ghoxrin Ewro w sebgha w tletin centezmu (€2,329.37) izda mhux izjed minn mija w sittax-il elf, erba' mija w tmienja w sittin Ewro w sebgha w sittin centezmu (€116,468.67) u l- konfiska favur il-Gvern ta' l-oggetti kollha li dwarhom sari r-reat u l-konfiska favur il-Gvern

ta' kull flejjes jew propjeta' mobbli w immobbli ohra tal-persuna hekk misjuba hatja skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 2, 9, 10(1), 12, 14, 15, 15A, 20, 22(1)(a)(1B)(2)(a)(i)(3A)(a)(b)(c)(d), 25, 26, 30 u 30A ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi u fl-artikoli 23, 23A, 23B, 23C u 533 tal- Kodici Kriminali jew ghal kull piena ohra li tista' skond il-ligi tinghata ghall-htija ta' l-imsemmi akkuzat.

3. Wara li l-Avukat Generali ppremetta fit-Tielet Kap illi fiz-zmien u fic- cirkostanzi ndikati fl-ewwel u fit-tieni kap ta' dan l-att ta' l-akkuza, w cioe' fit-8 ta' Ottubru elfejn u sebgha (2007) Ismail Tirso wasal Malta w kellu fil-pussess tieghu illegalment ammont kbir ta' kwazi hdax (11) il- kilogramma w nofs tad-droga (herojina) li ma kienitx ghal uzu esklussiv tieghu w liema sustanza ghandha valur ta' l-fuq minn hames mija, erbgha w ghoxrin elf u erbgha mitt ewro (€ 524,400) ekwivalenti ghal mitejn, hamsa w ghoxrin elf, erbgha w sittin lira Maltin (Lm 225,064). Din id-droga kienet intiza biex tigi kkonsenjata mill- akkuzat ghand persuni ohra gewwa Malta biex tigi ttraffikata f'Malta bi proffit kbir. L-akkuzat qatt ma ghamel uzu jew abbuza mid- droga herojina.

Id-droga herojina hija msemmija fit-Taqsima I ta' l-Ewwel Skeda li tinsab ma' l-Ordinanza dwar il-Medicni Perikoluzi, Kapitolu 101 tal- Ligijiet ta' Malta.

Illi b'ghemilu, l-imsemmi Ismail Tirso sar hati talli, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi, w li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda, kellu fil-pussess tieghu d- droga herojina meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall- importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal- Gvern skond id-disposizzjonijiet tat-Taqsima VI ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, w meta ma kienx bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura jew iforni d-droga msemmija, w ma kienx b'xi mod iehor bil-licenzja moghtija mill-Ministru responsabbli, w ma kienx b'xi mod iehor bil-licenzja moghtija mill-Ministru

responsabbli ghad-Dipartiment tas-Sahha w ma kienx awtorizzat bir-Regoli ta’ l- 1939 ghall-Kontroll Intern fuq id-Drogi Perikoluzi jew b’xi awtorita’ moghtija mill-Ministru responsabbli ghad-Dipartiment tas-Sahha li jkollu dik id- droga fil-pussess tieghu, w dik id-droga ma gietx fornita lilu ghall-uzu tieghu skond ricetta kif provdut fir-Regoli msemmija, w b’dan li r-reat sar taht tali cirkostanzi li juru li dak il-pussess ma kienx ghall-uzu esklussiv tieghu.

Ghaldaqstant l-Avukat Generali f’isem ir-Repubblika ta’ Malta akkuza lill-imsemmi Ismail Tirso+ talli kellu fil-pussess tieghu d-droga herojina meta ma kienx fil-pussess ta’awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal- Gvern skond id-disposizzjonijiet tat-Taqsima VI ta’ l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, w meta ma kienx bil-licenzja jew xort’ohra awtorizzat li jimmanifattura jew iforni d-droga msemmija, w ma kienx b’xi mod iehor bil-licenzja moghtija mill-Ministru responsabbli ghad- Dipartiment tas-Sahha li jkollu dik id-droga fil-pussess tieghu, w dik id-droga ma gietx fornita lilu ghall-uzu tieghu skond ricetta kif provdut fir-Regoli msemmija, w b’dan li r-reat sar taht tali cirkostanzi li juru li dak il-pussess ma kienx ghall-uzu esklussiv tieghu;

Talab illi jinghamel skond il-ligi kontra l-imsemmija akkuzat u illi jigi kkundanat ghall-piena ta’ prigunerija ghal ghomru w multa ta’ mhux inqas minn inqas minn elfejn u tliet mija w disgha w ghoxrin Euro w sebgha w tletin centezmu (€2,329.37) izda mhux izjed minn mija w sittax-il elf, erba’ mija w tmienja w sittin Euro w sebgha w sittin centezmu (€116,468.67) u l-konfiska favur il-Gvern ta’ l-oggetti kollha li dwarhom sar ir-reat u l-konfiska favur il-Gvern ta’ kull flejjes jew propjeta’ mobbli w immobbli ohra tal-persuna hekk misjuba hatja skond dak li hemm u jinqtal fl-artikoli 2, 9, 10(1), 12, 14, 15, 15A, 20, 22(1)(a)(2)(a)(i)(3A)(a)(b)(c)(d), 26, 30 u 30A ta’ l-Ordinanza dwar il- Medicini Perikoluzi u r-regola 4, 8 u 9 tar-Regoli ta’ l-1939 ghall- Kontroll Intern fuq id-

Drogi Perikoluzi (Notifikazzjoni tal-Gvern 292 ta' l-1939) u fl-artikoli 23, 23A, 23B, 23C u 533 tal-Kodici Kriminali jew ghal kull piena ohra li tista' skond il-ligi tinghata ghall-htija ta' l- imsemmi akkuzat.

Rat l-atti kollha processwali, inkluzi l-atti tal-kumpilazzjoni.

Rat il-verdett tal-gurati tal-lum li bih b'seba' (7) voti favur u b'zewg (2) voti kontra sabu lill-akkuzat Ismail Tirso hati tal-Ewwel, tat-Tieni w tat-Tielet Kapi tal-Att tal-Akkuza.

Tiddikjara ghalhekk lil Ismail Tirso hati talli :-

1. fit-8 ta' Ottubru, 2007 u fiz-zmien ta' qabel din id-data f'Malta w barra minn Malta, assocja ruhu ma' xi persuna jew persuni ohra barra minn dawn il-Gzejjer jew f'dawn il-Gzejjer sabiex ibiegh jew jittraffika medicina f'dawn il-Gzejjer (herojina) kontra d-dispozizzjonijiet ta' l- Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta) jew ippromova, ikkostitwixxa organizza jew iffinanzja l-assocjazzjoni w dana skond l-Ewwel Kap ta' l-Att ta' l-Akkuza;
2. f'xi zmien qabel u dak inhar tat-8 ta' Ottubru, 2007, importa, gieghel li tigi importata jew ghamel xi haga biex tkun tista' tigi importata medicina perikoluza (herojina) f'Malta bi ksur tad-disposizzjonijiet ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta), w cioe' meta ma kellux awtorizzazzjoni ta' importazzjoni valida w dana skond it-Tieni Kap ta' l-Att ta' l-Akkuza;
3. fit-8 ta' Ottubru, 2007, kellu fil-pussess tieghu d-droga herojina meta ma kienx fil-pussess ta'awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id- disposizzjonijiet tat-Taqsima VI ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, w meta ma kienx bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura jew iforni d-droga msemmija, w ma kienx b'xi mod iehor bil-licenzja moghtija mill-Ministru responsabbli ghad- Dipartiment tas-Sahha li jkollu dik id-droga fil-pussess tieghu, w dik id-droga ma gietx fornita lilu ghall-uzu tieghu skond ricetta kif provdut fir-Regoli msemmija, w b'dan li r-reat

sar taht tali cirkostanzi li juru li dak il-pussess ma kienx ghall-uzu esklussiv tieghu w dana skond it-Tielet Kap ta’ l-Att ta’ l-Akkuza;
Rat il-fedina penali aggornata tal-hati, esebita mill-Prosekuzzjoni w ezaminata mid-Difiza.
Semghet ix-xhieda tal-Ispettur Dennis Theuma.
Rat illi r-reati taht l-ewwel, it-tieni w it-tielet kapi tal-att ta’ l-akkuza huma, ghall-fini tal-piena, assorbiti fir-reat ta’ traffikar taht it-tieni kap ta’ l-att tal-akkuza w dana ghax servew bhala mezz biex seta’ jigi kommess ir-reati l-ohra, skond l-artikolu 17 (h) tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta’ Malta.
Qieset is-sottomissjonijiet tal-abbli difensur Dr. Malcolm Mifsud kif ukoll is-sottomissjonijiet tal-abbli prosekutur Dr. Nadine Sant.

Rat ukoll li l-hati huwa incensurat al menu f’ Malta.

Ikkonsidrat;

Illi din hija l-akbar qabda ta’ droga illi qatt inqabdet hawn Malta;

Minkejja li l-hati ghandu fedina penali netta, din il-Qorti ma tistax ma tqisx il-hsara potenzjali ghas-socjeta’ Maltija, li f’dan il-kaz kellu l-potenzjal li jaffettwa kwart tal-popoluzzjoni Maltija w cioe’ l-popolazzjoni zaghzugha kollha, liema zaghzagh huma l-aktar vulnerabbli ghat-tentazzjoni tad-droga li qed jigu assedjati minn traffikanti bl-importazzjoni ta’ drogi micidjali ta’ kull tip provenjenti minn kull parti tad-dinja, bl-ghan ta’ qligh immorali w mahmug a skapitu tas-sahha w kulltant anki tal-hajja tal-vittmi taghhom.

Qieset ukoll l-artikolu 29 tal-Kap. 101, wara illi l-Ispettur Dennis Theuma informa lill-Qorti illi l-hati ghandu jibbenefika minn dawk il-provvedimenti w ghalhekk se tnaqqas il-piena ta’ ghomor skond l-iskala indikata fl-artikolu 31 tal-Kodici Kriminali.

Ghaldaqstant, il-Qorti, wara li rat l-artikoli 2, 9, 10(1), 12, 14, 15, 15A, 20, 22(1)(a)(d)(f)(1A)(1B)(2)(a)(i)(aa)(bb)(3A)(a)(b)(c)(d), 25,

26, 29, 30 u 30A ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta) w ir-regoli 4, 8 u 9 tar-Regoli ta' l-1939 ghall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi [N.G. 292 ta' l-1939] w fl-artikoli 23, 23A, 23B, 23C u 533 tal-Kodici Kriminali (Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta) tikkundanna lill-hati **Ismail Tirso** ghall-piena komplessiva ta' hamsa w ghoxrin (25) sena prigunerija, li minnhom irid jitnaqqas iz-zmien li l-hati ghamel taht arrest preventiv, w ghall-multa ta'  mitt elf Ewro (Ewro 100,000), li, jekk ma jithallsux fi zmien hmistax il-jum mill-lum, jigu konvertiti fi tmintax (18) il-xahar prigunerija skond il-ligi, kif ukoll tikkundannah ihallas is-somma ta' elf, tmin mija w seba' Euro w tnejn u sebghin centezmi (€1807.72 ), rapprezentanti l-ispejjez tal-perizji nkorsi f'dan il-process, u dan a tenur tal-artikolu 533 tal-Kodici Kriminali;

Tordna ukoll il-konfiska favur il-Gvern ta' Malta tal-oggetti kollha li dwarhom saru r-reati w il-konfiska favur il-Gvern ta' Malta ta' kull flejjes jew proprjeta' mobbli w immobbli ohra tal-hati.

Tordna li jekk l-ispejjez tal-perizji ma jithallsux fi zmien hmistax il-jum mill-lum, jigu konvertiti f' terminu ta' prigunerija skond il-ligi.

Finalment, sakemm l-Avukat Generali ma jindikax b'nota - li ghandha tigi prezentata fi zmien hmistax il-jum mil-lum - li d-droga esebita hija mehtiega in konnessjoni ma xi proceduri kriminali kontra terzi persuni, tordna li d-droga kollha esebita w l-affarijiet li ghandhom x'jaqsmu maghha jigu distrutti a kura tal-ispizjar Mario Mifsud u taht is-sorveljanza diretta tad-Deputat Registratur ta' din il-Qorti, li ghandu jaghmel verbal ta' tali distruzzjoni w jgibu a konjizzjoni ta' din il-Qorti b'nota appozita li kopja taghha tigi notifikata lill-Avukat Generali w lill-hati.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------